II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2119

tat-22 ta' Novembru 2017

li jistabbilixxi l-"Lista Prodcom" ta' prodotti industrijali prevista fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3924/91

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3924/91 tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar it-twaqqif ta' stħarriġ fil-Komunità dwar il-produzzjoni industrijali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(6) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KEE) Nru 3924/91 jistipula li l-Istati Membri għandhom iwettqu stħarriġ tal-Komunità dwar il-produzzjoni industrijali.

(2) L-istħarriġ dwar il-produzzjoni industrijali għandu jkun ibbażat fuq lista ta' prodotti li tidentifika l-produzzjoni industrijali li għandha tiġi mistħarrġa.

(3) Hija meħtieġa lista ta' prodotti sabiex ikun jista' jkun hemm allinjament bejn l-istatistika tal-produzzjoni u l-istatistika tal-kummerċ estern u sabiex ikun jista' jsir tqabbil man-nomenklatura tal-prodotti tal-Komunità CPA.

(4) Il-lista ta' prodotti meħtieġa mir-Regolament (KEE) Nru 3924/91, imsemmija bħala l-"Lista Prodcom", hija komuni għall-Istati Membri kollha, u hija meħtieġa sabiex ikun jista' jsir tqabbil ta' dejta dwar l-Istati Membri differenti.

(5) Sabiex jiġu riflessi l-iżvilupp teknoloġiku u l-bidliet strutturali tal-produzzjoni industrijali, jeħtieġ li tiġi stabbilita lista Prodcom aġġornata.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-lista Prodcom għandha tkun hekk kif inhi stabbilita fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Novembru 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

[1] ĠU L 374, 31.12.1991, p. 1.

ANNESS

PRODCOM	Deskrizzjoni	Unità fiżika	P	Referenza għan-Noti
NACE: 07.10	**Estrazzjoni ta' minerali tal-ħadid**			
CPA: 07.10.10	*Minerali tal-ħadid*			
07.10.10.00	Minerali u konċentrati tal-ħadid (ħlief pirite mixwi)	kg	S	
NACE: 07.29	**Qtugħ ta' metall ieħor mhux ferruż mill-minjieri**			
CPA: 07.29.11	*Minerali u konċentrati tar-ram*			
07.29.11.00	Minerali u konċentrati tar-ram	kg	S	
CPA: 07.29.12	*Minerali u konċentrati tan-nikil*			
07.29.12.00	Minerali u konċentrati tan-nikil	kg	S	
CPA: 07.29.13	*Minerali u konċentrati tal-aluminju*			
07.29.13.00	Minerali u konċentrati tal-aluminju	kg	S	
CPA: 07.29.14	*Minerali u konċentrati ta' metalli prezzjużi*			
07.29.14.00	Minerali u konċentrati ta' metalli prezzjużi	kg	S	
CPA: 07.29.15	*Minerali u konċentrati ta' ċomb, żingu u landa*			
07.29.15.00	Minerali u konċentrati ta' ċomb, żingu u landa	kg	S	
CPA: 07.29.19	*Minerali oħrajn u konċentrati ta' metalli li ma fihomx ħadid m.k.b.*			
07.29.19.00	Minerali u konċentrati oħrajn ta' metalli li ma fihomx ħadid	kg	S	
NACE: 08.11	**Qtugħ ta' ġebel ornamentali u ġebel tal-bini, ġebel tal-franka, ġipsum, ġibs, u lavanja**			
CPA: 08.11.11	*Irħam u ġebel ieħor tan-natura tal-ġir ornamentali jew tal-bini*			
08.11.11.33	Rħam u travertina, mhux maħduma jew mirquma mingħajr reqqa	kg	T	
08.11.11.36	Irħam u travertin maqtugħ sempliċiment fi blokki u ċapep rettangolari jew kwadri	kg	T	
08.11.11.50	Ecaussine u ġebla tal-ġir oħra użata f'monumenti u fil-bini bi gravità speċifika apparenti ta' ≥ 2,5	kg	T	
CPA: 08.11.12	*Granit, ġebel ramli u ġebel ieħor ornamentali jew tal-bini*			
08.11.12.33	Granit, mhux maħdum jew mirqum mingħajr reqqa	kg	T	
08.11.12.36	Granit maqtugħ sempliċiment fi blokki u ċapep rettangolari (inkluż kwadri)	kg	T	
08.11.12.50	Ġebel ramli	kg	T	
08.11.12.90	Porfirju, bażalt, quartzites u ġebel ieħor monumentali jew tal-bini, mhux irfinut, mirqum, jew sempliċiment maqtugħ (minbarra ġebel tal-ġir monumentali u tal-bini ta' gravità ta' ≥ 2.5, granit u ġebel ramli)	kg	T	
CPA: 08.11.20	*Franka u ġipsum*			
08.11.20.30	Gypsum u anidrite	kg	T	
08.11.20.50	Fluss ta' ġebla tal-ġir, ġebla tal-ġir u ġebel ieħor tal-ġir użat fil-manifattura ta' ġir jew siment (minbarrra mases ta' ġebel tal-ġir miħun u ġebel b'dimensjoni tal-ġir)	kg	T	

PRODCOM	Deskrizzjoni	Unità fiżika	P	Referenza għan-Noti
CPA: 08.11.30	*Ġibs u dolomit mhux kalċinat*			
08.11.30.10	Ġibs	kg	T	
08.11.30.30	Dolomit, mhux maħdum, mirqum mingħajr reqqa jew kemm maqtugħ fi blokki rettangolari jew kwadri jew f'ċangaturi (minbarra mases ta' dolomit imfarrak fi trab)	kg	T	
CPA: 08.11.40	*Lavanja*			
08.11.40.00	Lavanja, mhux maħduma, mirquma mingħajr reqqa jew kemm maqtugħa fi blokki rettangolari jew kwadri jew f'ċangaturi	kg	T	
NACE: 08.12	**Operazzjoni ta' fosos taż-żrar u tar-ramel; qtugħ ta' tafal u kawlina mill-minjieri**			
CPA: 08.12.11	*Ramel naturali*			
08.12.11.50	Ramel tas-silika (ramel tal-kwarz jew ramel industrijali)	kg	S	
08.12.11.90	Ramel użat fil-kostruzzjoni bħal, eżempju, ramel tafli; ramel tal-kawlina; ramel tal-feldspar (minbarra ramel tas-silika, ramel li fih xi metalli)	kg	S	
CPA: 08.12.12	*Granulat, żrar u trab; ċagħaq, żrar*			
08.12.12.10	Żrar, ċagħaq, ċagħaq żgħir u żnied ta' tip użat għal mases tal-konkrit, għat-tiswija tat-triq biż-żrar jew għal fuq il-binarji tal-ferrovija jew għal saborra; ċagħaq żgħir u żnied	kg	S	
08.12.12.30	Ġebel miħun ta' tip użat għal mases tal-konkrit, għall-bini tat-toroq jew għal fuq il-binarji tal-ferrovija jew bħala saborra oħra (minbarra żrar, ċagħaq, ċagħaq żgħir u żnied)	kg	S	
08.12.12.50	Bċejjeċ, laqx u trab tal-irħam	kg	S	
08.12.12.90	Bċejjeċ, laqx u trab ta' travertine, ecaussine, granit, porfirju, bażalt, ġebel ramli, u ġebel ieħor użat f'monumenti	kg	S	
CPA: 08.12.13	*Taħlitiet ta' gagazza u prodotti simili minn skart industrijali, kemm jekk jinkorporaw iċ-ċagħaq, iż-żrar, ċagħaq żgħir u żniet għall-użu fil-kostruzzjoni*			
08.12.13.00	Taħlitiet ta' gagazza u prodotti simili minn skart industrijali, kemm jekk jinkorporaw iċ-ċagħaq, iż-żrar, ċagħaq żgħir u żniet għall-użu fil-kostruzzjoni	kg	S	
CPA: 08.12.21	*Kawlina u tafal ieħor bil-kawlina*			
08.12.21.40 * z	Kawlina, mhux ikkalċinata	kg	T	
08.12.21.60	Tafal tal-kawlina (tafal f'għamla ta' ballun u tafal tal-plastik)	kg	T	
CPA: 08.12.22	*Tafal ieħor, andalisite, kjanit u sillimanite; mullit; trabijiet chamotte jew dinas*			
08.12.22.10	Bentonite	kg	T	
08.12.22.30	Tafal li jiflaħ in-nar	kg	T	
08.12.22.50	Tafal u shales komuni użati għall-kostruzzjoni (minbarra bentonite, tafal tat-tip fireclay, tafal hekk imsejjaħ "expanded", kawlina u tafal tal-kawlina); andalusit, kjanit u sillimanit; mullit; trabijiet chamotte jew dinas	kg	T	
NACE: 08.91	**Qtugħ ta' minerali kimiċi u fertilizzanti mill-minjieri**			
CPA: 08.91.11	*Kalċju naturali jew fosfati tal-kalċju tal-aluminju*			
08.91.11.00	Fosfati naturali tal-kalċju; fosfati naturali tal-aluminju u tal-kalċju u ġibs fosfatiku	kg	T	
CPA: 08.91.12	*Pirite tal-ħadid mhux mixwi; kubrit grezz jew mhux irfinut*			
08.91.12.00	Pirite tal-ħadid mhux mixwi; kubrit mhux maħdum jew mhux raffinat (inkluż kubrit irkuprat)	kg	T	

PRODCOM	Deskrizzjoni	Unità fiżika	P	Referenza għan-Noti
CPA: 08.91.19	*Minerali kimiċi u fertilizzanti oħrajn*			
08.91.19.00	Minerali kimiċi u fertilizzanti oħrajn	kg	T	
NACE: 08.93	**Estrazzjoni ta' melħ**			
CPA: 08.93.10	*Melħ u melħ tal-mejda pur; ilma baħar*			
08.93.10.00	Melħ (inkluż melħ żnaturat imma eskluż il-melħ adatt għall-konsum mill-bniedem) u kloridu tas-sodju pur, kemm jekk f'soluzzjoni ta' ilma jew li jkollu miżjudin mieġħu aġenti biex ma jagħqadx jew aġenti lubrikanti u kemm jekk le	kg	T	
NACE: 08.99	**Minjieri u barrieri oħra m.k.b.**			
CPA: 08.99.10	*Bitum u asfalt, naturali; asfaltiti u blat tal-asfalt*			
08.99.10.00	Bitum naturali u asfalt naturali; asfaltiti u ġebel tal-asfalt	kg	T	
CPA: 08.99.21	*Ħaġar prezzjuż u semi-prezzjuż (eskluži d-djamanti industrijali), mhux maħdumin jew sempliċiment issegati jew iffurmati b'mod goff*			
08.99.21.00	Ħaġar prezzjuż u semi-prezzjuż (eskluži d-djamanti industrijali), mhux maħdumin jew sempliċiment issegati jew iffurmati b'mod goff	c/k	T	
CPA: 08.99.22	*Djamanti industrijali, mhux maħdumin jew sempliċiment issegati, maqsumin jew bruted; ħaffiefa; żmerill; kurundun naturali, granata naturali u sustanz inaturali li joborxu oħrajn*			
08.99.22.00	Djamanti industrijali, mhux maħdumin jew sempliċiment issegati, maqsumin jew bruted; ħaffiefa; żmerill; kurundun naturali, granata naturali u sustanz inaturali li joborxu oħrajn	kg	T	
CPA: 08.99.29	*Minerali oħrajn*			
08.99.29.00	Minerali oħrajn	kg	T	
NACE: 10.11	**Ipproċessar u priservar ta' laħam**			
CPA: 10.11.11	*Laħam ta' annimali bovini, frisk jew imkessaħ*			
10.11.11.40	Karkassi friski jew imkessħa, nofsijiet jew kwartijiet minn karkassi bl-għadam, taċ-ċanga jew tal-vitella	kg	S	
10.11.11.90	Qatgħat tal-laħam taċ-ċanga jew tal-vitella maqtugħa, friski jew imkessħa	kg	S	
CPA: 10.11.12	*Laħam tal-majjal, frisk jew imkessaħ*			
10.11.12.30	Karkassi u nofsijiet ta' karkassi tal-laħam tal-majjal friski jew mkessħa (inkluż laħam frisk ippakkjat bil-melħ bħala preżervattiv temporanju)	kg	S	
10.11.12.50	Perżut, spalel u qatgħat minnhom bl-għadam, tal-laħam tal-majjal friski jew imkessħa, (inkluż laħam frisk ippakjat bil-melħ bħala preżervattiv temporanju)	kg	S	
10.11.12.90	Laħam tal-majjal frisk jew imkessaħ (inkluż laħam frisk ippakkjat bil-melħ bħala preżervattiv temporanju; minbarra karkassi, nofsijiet ta' karkassi, perżut, spalel u qatgħat minnhom bl-għadam fihom)	kg	S	
CPA: 10.11.13	*Laħam tan-nagħaġ, frisk jew imkessaħ*			
10.11.13.00	Karkassi, nofsijiet ta' karkassi u qatgħat friski jew imkessħa tal-ħaruf jew tan-nagħġa	kg	S	
CPA: 10.11.14	*Laħam tal-mogħoż, frisk jew imkessaħ*			
10.11.14.00	Laħam tal-mogħoż, frisk jew imkessaħ	kg	S	
CPA: 10.11.15	*Laħam frisk jew imkessaħ ta' żwiemel u ekwini oħra*			
10.11.15.00	Laħam frisk jew imkessaħ ta' żwiemel u ekwini oħra	kg	S	

PRODCOM	Deskrizzjoni	Unità fiżika	P	Referenza għan-Noti
CPA: 10.11.20	*Ġewwieni li jittiekel tal-annimali bovini, ħnieżer, nagħaġ, mogħoż, żwiemel u ekwini oħrajn, frisk jew imkessaħ*			
10.11.20.00	Ġewwieni li jittiekel tal-annimali bovini, ħnieżer, nagħaġ, mogħoż, żwiemel u ekwini oħrajn, frisk jew imkessaħ	kg	S	
CPA: 10.11.31	*Laħam tal-bovini, iffriżat*			
10.11.31.00	Karkassi, nofsijiet u kwartijiet ta' karkassi friżati u qatgħat friżati tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella	kg	S	
CPA: 10.11.32	*Laħam tal-majjal, iffriżat*			
10.11.32.30	Karkassi u nofsijiet ta' karkassi tal-laħam tal-majjal friżati	kg	S	
10.11.32.50	Perżut, spalel u qatgħat bl-għadam fihom friżati tal-laħam tal-majjal	kg	S	
10.11.32.90	Laħam tal-majjal friżat (minbarra karkassi, nofsijiet ta' karkassi, perżut, spalel u qatgħat minnhom bl-għadam fihom)	kg	S	
CPA: 10.11.33	*Laħam tan-nagħaġ, iffriżat*			
10.11.33.00	Karkassi, nofsijiet ta' karkassi u qatgħat friżati tal-ħaruf jew tan-nagħġa	kg	S	
CPA: 10.11.34	*Laħam tal-mogħoż, iffriżat*			
10.11.34.00	Laħam iffriżat tal-mogħoż	kg	S	
CPA: 10.11.35	*Laħam taż-żwiemel u ekwini oħrajn, iffriżat*			
10.11.35.00	Laħam iffriżat ta' żwiemel u ekwini oħra	kg	S	
CPA: 10.11.39	*Laħam u ġewwieni li jittiekel ieħor, frisk, imkessaħ jew iffriżat*			
10.11.39.10	Ġewwieni li jittiekel ta' annimali bovini, ħnieżer, nagħaġ, mogħoż, żwiemel u ekwini oħrajn, iffriżat	kg	S	
10.11.39.30	Laħam u ġewwieni li jittiekel, frisk, imkessaħ jew friżat (inkluż laħam u ġewwieni ta' fniek, fniek tal-liebru u tjur tal-kaċċa; minbarra saqajn taż-żringijiet, u laħam u ġewwieni ta' tjur, bovini u annimali tal-ispeċje ekwina, majjali, nagħaġ u mogħoż)	kg	S	
CPA: 10.11.41	*Suf miġbud, żejtni, inkluż suf miġbud maħsul bħala geżża*			
10.11.41.00	Suf maħmuġ, mhux imqardax jew minxut (inkluż suf li jkun fleece-washed) (minbarra suf maqtugħ)	kg	S	
CPA: 10.11.42	*Ġlud ħoxnin u ġlud sħaħ mhux ipproċessati ta' annimali bovini jew ekwini*			
10.11.42.00	Ġlud mhux ikkunzati ta' annimali bovini jew annimali tal-ispeċi ekwina, sħaħ (għajr dawk marbuta ma' SA 410190)	p/st.	S	
CPA: 10.11.43	*Ġlud ħoxnin u ġlud sħaħ mhux ipproċessati oħrajn ta' annimali bovini jew ekwini*			
10.11.43.00	Ġlud mhux ikkunzati ta' annimali bovini jew annimali tal-ispeċi ekwina	kg	S	
CPA: 10.11.44	*Ġlud ħoxnin u ġlud mhux ipproċessati tan-nagħaġ jew l-ħrief*			
10.11.44.00	Ġlud tan-nagħaġ u tal-ħrief	p/st.	S	
CPA: 10.11.45	*Ġlud ħoxnin u ġlud mhux ipproċessati tal-mogħoż u l-gidjien*			
10.11.45.00	Ġlud mhux ikkunzati tal-mogħoż jew tal-gidien minbarra dawk ikkunzati, kemm friski u kemm preżervati	p/st.	S	

PRODCOM	Deskrizzjoni	Unità fiżika	P	Referenza għan-Noti
CPA: 10.11.50	*Xaħmijiet tal-annimali bovini, nagħaġ, mogħoż jew ħnieżer*			
10.11.50.40	Xaħam tal-majjal mingħajr dgħif; frisk; imkessaħ; iffriżat; immellaħ; fis-salmura jew affumikat (minbarra dak immaċinat)	kg	S	
10.11.50.60	Lardu u xaħam ieħor tal-majjal; immaċinat	kg	S	
10.11.50.70	Xaħmijiet ta' annimali bovini; nagħaġ jew mogħoż; nejjin jew immaċinati	kg	S	
CPA: 10.11.60	*Ġewwieni nej, mhux tajjeb għall-ikel*			
10.11.60.30	Imsaren, bżieżaq tal-awrina u stonkijiet ta' annimali, sħaħ jew f'biċċiet (minbarra tal-ħut)	kg	S	
10.11.60.90	Ir-rimi ta' annimali, li mhux tajba biex jittieklu minn nies (minbarra ħut, imsaren, bżieżaq tal-awrina u stonkijiet)	kg	S	
NACE: 10.12	**Ipproċessar u priservar ta' laħam tat-tjur**			
CPA: 10.12.10	*Laħam tat-tjur, frisk jew imkessaħ*			
10.12.10.10	Tiġieġ sħaħ, friski jew imkessħa	kg	S	
10.12.10.20	Dundjani sħaħ, friski jew imkessħa	kg	S	
10.12.10.30 z	Wiżż, papri u fargħuni sħaħ, friski jew imkessħa	kg	S	
10.12.10.50	Qatgħat tat-tiġieġ, friski jew imkessħa	kg	S	
10.12.10.60	Qatgħat tad-dundjani, friski jew imkessħa	kg	S	
10.12.10.70 z	Qatgħat ta' wiżż, papri u fargħuni sħaħ, friski jew imkessħa	kg	S	
CPA: 10.12.20	*Laħam tat-tjur, iffriżat*			
10.12.20.13	Tiġieġ sħaħ friżati	kg	S	
10.12.20.15	Dundjani sħaħ friżati	kg	S	
10.12.20.17 z	Wiżż, papri u fargħuni sħaħ, friżati	kg	S	
10.12.20.53	Qatgħat tat-tiġieġ friżati	kg	S	
10.12.20.55	Qatgħat tad-dundjani friżati	kg	S	
10.12.20.57 z	Qatgħat ta' wiżż, papri u fargħuni friżati	kg	S	
CPA: 10.12.30	*Xaħam tat-tjur*			
10.12.30.00	Xaħam tat-tjur	kg	S	
CPA: 10.12.40	*Ġewwieni li jittiekel tat-tjur*			
10.12.40.00 *	Ġewwieni li jittiekel tat-tjur	kg	S	
CPA: 10.12.50	*Rix u ġlud tat-tjur bir-rix*			
10.12.50.00	Ġlud tal-għasafar ippreparati bir-rix jew ir-rix ta' taħt l-għonq, rix, eċċ.	kg	S	
NACE: 10.13	**Produzzjoni ta' laħam u prodotti ta' laħam tat-tjur**			
CPA: 10.13.11	*Laħam tal-majjal, qatgħat, imnixxfin jew affumikati (bejken jew perżut)*			
10.13.11.20	Perżut, spalel u qatgħat minnhom bl-għadam, tal-majjal, immellħa, fis-salmura, imqadda jew affumikati	kg	S	
10.13.11.50	L-istonku tal-majjal, u qatgħat minnu, immellaħ, fis-salmura, fis-salmura, imqadded jew affumikat	kg	S	
10.13.11.80	Laħam tal-majjal immellaħ, fis-salmura, imqadded jew affumikat (inkluż bejken, 3/4 ġnub/partijiet min-nofs, partijiet minn quddiem, ġenbejn u qatgħat minnhom; minbarra perżut, spalel u qatgħat minnhom bl-għadam, stonkijiet u qatgħat minnhom)	kg	S	
CPA: 10.13.12	*Laħam tal-annimali bovini, immellaħ, imnixxef jew affumikat*			
10.13.12.00	Ċanga u vitella immellħa, fis-salmura, imqadda jew affumikata	kg	S	

PRODCOM	Deskrizzjoni	Unità fiżika	P	Referenza għan-Noti
CPA: 10.13.13	*Laħam jew ġewwieni tal-laħam li jittiekel ieħor, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat (barra mill-laħam tal-majjal jew tal-bovini); dqiq u dqiq miħun oħxon mil-laħam jew mill-ġewwieni li jittiekel*			
10.13.13.00	Ċanga u vitella immellħa, fis-salmura, imqadda jew affumikata; dqiq u dqiq miħun oħxon li jittiekel ta' laħam jew ta' ġewwieni (minbarra laħam tal-majjal, taċ-ċanga u tal-vitella, immellaħ, fis-salmura, imqadded jew affumikat)	kg	S	
CPA: 10.13.14	*Zalzett u prodotti simili tal-laħam, ġewwieni jew demm*			
10.13.14.30 z	Zalzett tal-fwied u prodotti simili u preparazzjonijiet tal-ikel ibbażati fuq dan (minbarra ikliet u platti ppreparati)	kg	S	
10.13.14.60 z	Zalzett u prodotti simili tal-laħam, ġewwieni jew demm u preparazzjonijiet tal-ikel ibbażati fuq dan (minbarra z-zalzett tal-fwied u ikliet u platti ppreparati)	kg	S	
CPA: 10.13.15	*Laħam, fdal tal-laħam u demm preparati jew preżervati oħrajn*			
10.13.15.05 z	Fwied tal-wiżża jew tal-papra ppreparat jew ippreżervat (minbarra z-zalzett u ikliet u platti ppreparati)	kg	S	
10.13.15.15 z	Fwied ta' annimali oħrajn ippreparat jew ippreżervat (minbarra z-zalzett u ikliet u platti ppreparati)	kg	S	
10.13.15.25 z	Laħam jew ġewwieni ta' dundjani ppreparat jew ippreżervat (minbarra z-zalzett, preparazzjonijiet ta' fwied u ikliet u platti ppreparati)	kg	S	
10.13.15.35 z	Laħam tat-tjur ippreparat jew ippreżervat ieħor (minbarra z-zalzett, preparazzjonijiet ta' fwied u ikliet u platti ppreparati)	kg	S	
10.13.15.45 z	Laħam tal-majjal ippreparat jew ippreżervat: koxox u qatgħat minnu (minbarra ikliet u platti ppreparati)	kg	S	
10.13.15.55 z	Laħam tal-majjal ippreparat jew ippreżervat: spallejn u qatgħat minnu (minbarra ikliet u platti ppreparati)	kg	S	
10.13.15.65 z	Laħam ippreparat jew ippreżervat, ġewwieni u taħlitiet ta' majjal domestiku, inkluż taħlitiet li fihom < 40 % laħam jew ġewwieni ta' kull xorta u xaħam ta' kull xorta (minbarra z-zalzett u prodotti simili, preparazzjonijiet omoġenizzati, preprazzjonijiet ta' fwied u ta' ikliet u platti ppreparati)	kg	S	
10.13.15.75 z	Laħam ieħor ippreparat jew ippreżervat, ġewwieni u taħlitiet ta' majjal, inkluż taħlitiet (minbarra z-zalzett u prodotti simili, preparazzjonijiet omoġenizzati, preparazzjonijiet ta' fwied u ikliet u platti ppreparati)	kg	S	
10.13.15.85 z	Laħam ippreparat jew ippreżervat jew ġewwieni ta' annimali bovini (minbarra z-zalzett u prodotti simili, preparazzjonijiet omoġenizzati, preparazzjonijiet ta' fwied u ikliet u platti ppreparati)	kg	S	
10.13.15.95 z	Laħam jew ġewwieni ieħor ippreparat jew ippreżervat inkluż id-demm (minbarra z-zalzett u prodotti simili, preparazzjonijiet omoġenizzati, preparazzjonijiet ta' fwied u ikliet u platti ppreparati)	kg	S	
CPA: 10.13.16	*Dqiq, dqiq miħun oħxon u pellets tal-laħam mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem; greaves (fdalijiet li jibqgħu meta jinħall ix-xaħam)*			
10.13.16.00	Dqiq, dqiq miħun oħxon u pritkuni ta' laħam jew ġewwieni tal-laħam li mhux tajba biex jittieklu minn nies; greaves (fdalijiet li jibqgħu meta jinħall ix-xaħam)	kg	S	
CPA: 10.13.91	*Servizzi ta' tisjir u preparazzjoni oħrajn għall-produzzjoni tal-prodotti tal-laħam*			
10.13.91.00	Servizzi ta' tisjir u preparazzjoni oħrajn għall-produzzjoni tal-prodotti tal-laħam		I	

PRODCOM	Deskrizzjoni	Unità fiżika	P	Referenza għan-Noti
NACE: 10.20	**Ipproċessar u priservar ta' ħut, krustaċji u molluski**			
CPA: 10.20.11	*Fletti tal-ħut u laħam tal-ħut ieħor (kemm jekk ikkappuljat u kemm jekk le), friski jew imkessaħ*			
10.20.11.00	Fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut, kemm jekk ikkapuljati u kemm jekk le, friski jew imkessħa	kg	S	
CPA: 10.20.12	*Fwied u roes (għenieqed tal-bajd) tal-ħut, friski jew imkessħa*			
10.20.12.00	Fwied u roes tal-ħut friski u mkessħa	kg	S	
CPA: 10.20.13	*Ħut, iffriżat*			
10.20.13.30	Ħut sħiħ u ffriżat tal-ilma baħar	kg	S	
10.20.13.60	Ħut sħiħ u ffriżat tal-ilma ħelu	kg	S	
CPA: 10.20.14	*Fletti tal-ħut, iffriżati*			
10.20.14.00	Fillets tal-ħut friżati	kg	S	
CPA: 10.20.15	*Laħam tal-ħut (kemm jekk ikkappuljat u kemm jekk le), iffriżat*			
10.20.15.00	Laħam tal-ħut iffriżat, kemm jekk ikkappuljat u kemm jekk le (minbarra fletti)	kg	S	
CPA: 10.20.16	*Fwied u roes (għenieqed tal-bajd) tal-ħut, iffriżati*			
10.20.16.00	Fwied u għenieqed tal-bajd friżati tal-ħut	kg	S	
CPA: 10.20.21	*Qatgħat ta' ħut, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura, iżda mhux affumikati*			
10.20.21.00	Qatgħat ta' ħut, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura, iżda mhux affumikati	kg	S	
CPA: 10.20.22	*Fwied, bajd, xewk, irjus, dnub, grieżen jew ġewwieni ieħor tal-ħut li jittiekel imnixxfa, affumikati, immellħa jew fis-salmura; dqiq, dqiq miħun oħxon u pellets tal-ħut, tajbin għall-konsum mill-bniedem*			
10.20.22.50	Fwied, bajd, xewk, irjus, dnub, grieżen jew ġewwieni ieħor tal-ħut li jittiekel imnixxfa, affumikati, immellħa jew fis-salmura; dqiq, dqiq miħun oħxon u pellets tal-ħut, tajbin għall-konsum mill-bniedem	kg	S	
CPA: 10.20.23	*Ħut, imnixxef, kemm jekk immellaħ u kemm jekk le, jew fis-salmura*			
10.20.23.50	Ħut imnixxef, kemm jekk immellaħ u kemm jekk le; ħut, immellaħ iżda mhux imnixxef; ħut fis-salmura (esklużi l-fletti, ħut iffumikat, irjus, dnub u l-intern)	kg	S	
CPA: 10.20.24	*Ħut, inklużi l-fletti tal-ħut, affumikati*			
10.20.24.25	Salamun iffumikat, ġej mill-Paċifiku, mill-Atlantiku u tad-Danubju (inklużi l-fletti, esklużi r-ras, id-denb u l-intern)	kg	S	
10.20.24.55	Aringi ffumikati (inklużi l-fletti, esklużi r-ras, id-denb u l-intern)	kg	S	
10.20.24.85	Ħut iffumikat (esklużi l-aringi, u s-salamun mill-Paċifiku, mill-Atlantiku u tad-Danubju), inklużi l-fletti, esklużi r-ras, id-denb u l-intern	kg	S	
CPA: 10.20.25	*Ħut, ippreparat jew ippriservat b'xi mod ieħor; minbarra platti tal-ħut ippreparati*			
10.20.25.10 z	Salamun ippreparat jew ippreżervat, sħiħ jew f'biċċiet (minbarra l-prodotti ta' kapuljat u ikliet jew platti ppreparati)	kg	S	
10.20.25.20 z	Aringi ppreparati jew ippreżervati, sħaħ jew f'biċċiet (minbarra l-prodotti ta' kapuljat u ikliet jew platti ppreparati)	kg	S	
10.20.25.30 z	Sardin, sardinella u sardin jew aringi żgħar u spratt, ppreparati jew ippreżervati, sħaħ jew f'biċċiet (minbarra l-prodotti ta' kapuljat u ikliet jew platti ppreparati)	kg	S	
10.20.25.40 z	Tonn, palamiti u plamtu, ippreparati jew ippreżervata, sħaħ jew f'biċċiet (minbarra l-prodotti ta' kapuljat u ikliet jew platti ppreparati)	kg	S	

PRODCOM	Deskrizzjoni	Unità fiżika	P	Referenza għan-Noti
10.20.25.50 z	Kavalli ppreparati jew ippreżervati, sħaħ jew f'biċċiet (minbarra l-prodotti ta' kapuljat u ikliet jew platti ppreparati)	kg	S	
10.20.25.60 z	Inċova ppreparata jew ippreżervata, sħiħa jew f'biċċiet (minbarra l-prodotti ta' kapuljat u ikliet jew platti ppreparati)	kg	S	
10.20.25.70 z	Qatgħat mingħajr xewk (fillets) tal-ħut, miksijin biss b'taħlita ta' bajd u dqiq jew bil-frak tal-ħobż, inklużi l-fish fingers (minbarra ikliet u platti ppreparati)	kg	S	
10.20.25.80 z	Ħut ieħor ippreparat jew ippreżervat, sħiħ jew f'biċċiet (minbarra l-prodotti kkapuljati u ikliet u platti ppreparati)	kg	S	
10.20.25.90 z	Ħut ippreparat jew ippreżervat (minbarra sħiħ jew f'biċċiet u ikliet u platti pprepratati)	kg	S	
CPA: 10.20.26	*Kavjar u sostituti tal-kavjar*			
10.20.26.30	Kavjal (sturgeon roe)	kg	S	
10.20.26.60	Sostituti tal-kavjal	kg	S	
CPA: 10.20.31	*Krustaċji, iffriżati, imnixxfa, immellħa jew fis-salmura*			
10.20.31.00 z	Krustaċji, iffriżati, imnixxfa, immellħa jew fis-salmura	kg	S	
CPA: 10.20.32	*Molluski, iffriżati, imnixxfa, immellħa jew fis-salmura*			
10.20.32.50 z	Molluski (scallops, mussels, siċċ, klamari u qarnit), iffriżati, imnixxfa, immellħa jew fis-salmura	kg	S	
CPA: 10.20.33	*Invertebrati akkwatiċi u alka oħrajn, iffriżati, imnixxfa, immellħa jew fis-salmura*			
10.20.33.50 z	Invertebrati akkwatiċi oħrajn (venus irrigata, bram, eċċ), iffriżati, imnixxfa, immellħa jew fis-salmura; dqiq, dqiq mitħun oħxon u gerbub ta' invertebrati akkwatiċi għajr krustaċji, tajbin għall-konsum mill-bniedem, iffriżati, imnixxfa, immellħa jew fis-salmura	kg	S	
CPA: 10.20.34	*Krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi u alka oħrajn, ippreparati jew ippreżervati mod ieħor*			
10.20.34.00 z	Krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi u alka oħrajn, ippreparati jew ippreżervati mod ieħor	kg	S	
CPA: 10.20.41	*Dqiq, dqiq mitħun oħxon u pellets tal-ħut, tal-krustaċji, tal-molluski jew ta' invertebrati akkwatiċi jew alka oħrajn, mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem*			
10.20.41.00	dqiq, dqiq mitħun oħxon u pritkuni tal-ħut jew tal-krustaċji, molluski jew invertebrati akwatiċi oħra, mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem	kg	S	
CPA: 10.20.42	*Prodotti oħrajn, mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem, tal-ħut, tal-krustaċji, tal-molluski jew invertebrati akkwatiċi jew alka oħrajn*			
10.20.42.00	Prodotti oħrajn, mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem, tal-ħut, tal-krustaċji, tal-molluski jew invertebrati akkwatiċi jew alka oħrajn (inkluż skart tal-ħut; minbarra għadam tal-balieni, whalebone hair, qroll u materjali simili, qxur tal-frott tal-baħar u għadam tas-siċċ, mhux maħdum jew kemm ippreparat/sponoż naturali)	kg	S	
NACE: 10.31	**Ipproċessar u priservar ta' patata**			
CPA: 10.31.11	*Patata, iffriżata*			
10.31.11.10	Patata friżata, kemm jekk mhix imsajra u kemm jekk imsajra bil-fwar jew bit-togħlija fl-ilma	kg	S	
10.31.11.30	Patata friżata, ippreparata jew ippreżervata (inkluż patata msajra jew nofs sajran fiż-żejt u mbagħad friżata; minbarra bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku)	kg	S	
CPA: 10.31.12	*Patata mqadda kemm jekk imqatta' u kemm jekk le, iżda mhux ippreparata aktar*			
10.31.12.00	Patata mqadda kemm jekk imqatta' u kemm jekk le, iżda mhux ippreparata aktar	kg	S	

PRODCOM	Deskrizzjoni	Unità fiżika	P	Referenza għan-Noti
CPA: 10.31.13	*Patata mnixxfa f'forma ta' dqiq, dqiq miħun oħxon, laqx; granuli u pellets*			
10.31.13.00	Patata mqadda fl-għamla ta' dqiq, dqiq miħun oħxon, biċċiet irqaq, bċejjeċ u pritkuni	kg	S	
CPA: 10.31.14	*Patata ppreparata jew ippriservata*			
10.31.14.30	Patata preparata jew preżervata fl-għamla ta' dqiq, dqiq miħun oħxon jew biċċiet (minbarra dik friżata, crisps, bil-ħall jew b'aċidu aċetiku)	kg	S	
10.31.14.60	Patata preparata jew preżervata (inkluż crisps, minbarra dik friżata, imqadda, bil-ħall jew b'aċidu aċetiku, fl-għamla ta' dqiq, dqiq miħun oħxon jew biċċiet)	kg	S	
NACE: 10.32	**Manifattura ta' meraq tal-frott u tal-ħxejjex**			
CPA: 10.32.11	*Meraq tat-tadam*			
10.32.11.00	Meraq tat-tadam	l	S	
CPA: 10.32.12	*Meraq tal-larinġ*			
10.32.12.10	Juice tal-larinġ friżat u mhux konċentrat	kg	S	
10.32.12.20	Juice tal-larinġ mhux konċentrat (minbarra dak friżat)	l	S	
10.32.12.30	Meraq tal-larinġ m.k.b.	l	S	
CPA: 10.32.13	*Meraq tal-grejpfrut*			
10.32.13.00	Meraq tal-grejpfrut	l	S	
CPA: 10.32.14	*Meraq tal-ananas*			
10.32.14.00	Meraq tal-ananas	l	S	
CPA: 10.32.15	*Meraq tal-għeneb*			
10.32.15.00	Meraq tal-għeneb (inkluż il-most)	l	S	
CPA: 10.32.16	*Meraq tat-tuffieħ*			
10.32.16.00	Meraq tat-tuffieħ	l	S	
CPA: 10.32.17	*Taħlitiet ta' meraq tal-frott u tal-ħaxix*			
10.32.17.00	Taħlitiet ta' meraq tal-frott u tal-ħaxix	l	S	
CPA: 10.32.19	*Meraq ieħor tal-frott u tal-ħaxix*			
10.32.19.10	Juice mhux konċentrat ta' frott taċ-ċitru waħda (minbarra tal-larinġ u tal-grejpfrut)	l	S	
10.32.19.20	Meraq ta' frotta jew ħaxixa waħda, mhux konċentrat, mhux fermentat u mingħajr spirti miżjuda (minbarra meraq tal-larinġ, tal-grejpfrut, tal-ananas, tat-tadam, tal-għeneb u tat-tuffieħ)	l	S	
10.32.19.30	Meraq ieħor tal-frott u tal-ħaxix m.k.b.	l	S	
NACE: 10.39	**Ipproċessar u ppreservar ieħor ta' frott u ħxejjex**			
CPA: 10.39.11	*Ħaxix, iffriżat*			
10.39.11.00	Ħaxix u taħlitiet ta' ħaxix friżat, mhux imsajjar jew imsajjar bil-fwar jew bit-togħlija fl-ilma (minbarra patata)	kg	S	
CPA: 10.39.12	*Ħaxix, ippriservat b'mod proviżorju*			
10.39.12.00	Ħaxix preżervati provviżjorjament, b'gass tad-diossidu tal-kubrit, fis-salmura, f'ilma bil-kubrit, jew f'taħlitiet oħra ta' preservazzjoni, iżda li, f'dak l-istat, ma jkunux tajba biex jittieklu immedjatament	kg	S	
CPA: 10.39.13	*Ħaxix imnixxef*			
10.39.13.30	Basal imqadded, sħiħ, maqtugħ, imkisser jew fi trab, iżda mhux ippreparat aktar	kg	S	

PRODCOM	Deskrizzjoni	Unità fiżika	P	Referenza għan-Noti
10.39.13.50	Faqqiegħ u tartufi imqadda, sħaħ, imqatta', imkissra jew fi trab, iżda mhux ippreparati aktar	kg	S	
10.39.13.90	Ħaxix imqadded, minbarra patata, basal, faqqiegħ u tartufi, u taħlitiet ta' ħaxix, sħiħ, imqatta', imkisser jew fi trab, iżda mhux ippreparat aktar	kg	S	
CPA: 10.39.15	*Fażola ppreżervata b'xi mod li mhux permezz tal-ħall jew l-aċtu aċetiku, minbarra platti tal-ħaxix ippreparati*			
10.39.15.00 z	Fażola ppreżervata b'xi mod li mhux permezz tal-ħall jew l-aċtu aċetiku, minbarra platti tal-ħaxix ippreparati	kg	S	
CPA: 10.39.16	*Piżelli ppreżervati b'xi mod li mhux permezz tal-ħall jew l-aċtu aċetiku, minbarra platti tal-ħaxix ippreparati*			
10.39.16.00 z	Piżelli ppreżervati b'xi mod li mhux permezz tal-ħall jew l-aċtu aċetiku, minbarra platti tal-ħaxix ippreparati	kg	S	
CPA: 10.39.17	*Ħaxix ieħor (minbarra l-patata), ippriservat b'xi mod li mhux permezz tal-ħall jew l-aċti aċetiku, minbarra platti tal-ħaxix ippreparati*			
10.39.17.10 z	Tadam ippriservat, sħiħ jew f'biċċiet (minbarra platti tal-ħaxix ippreparati u tadam ippriservat permezz tal-ħall jew l-aċtu aċetiku)	kg	S	
10.39.17.21	Polpa u pejst tat-tadam, mhux konċentrati	kg	S	
10.39.17.25	Polpa u pejst tat-tadam, konċentrati	kg	S	
10.39.17.30 z	Faqqiegħ u tartufi ppreparati jew ippriservati (minbarra platti tal-ħaxix ippreparati u faqqiegħ u tartufi mnixxfin, iffriżati jew ippriservati permezz tal-ħall jew l-aċtu aċetiku)	kg	S	
10.39.17.40 z	Ħaxix iffriżat u taħlit ta' ħaxix (minbarra platti tal-ħaxix ippreparati u ħaxix iffriżat u taħlit ta' ħaxix nej jew misjur fuq il-fwar jew mgħolli fl-ilma jew ippriservat permezz tal-ħall jew l-aċtu aċetiku)	kg	S	
10.39.17.50 z	Sauerkraut ippriservat (minbarra platti tal-ħaxix ippreparati u sauerkraut imnixxef, iffriżat jew ippriservat permezz tal-ħall jew l-aċtu aċetiku)	kg	S	
10.39.17.60 z	Spraġ ippriservat (minbarra platti tal-ħaxix ippreparati u spraġ imnixxef, iffriżat jew ippriservat permezz tal-ħall jew l-aċtu aċetiku)	kg	S	
10.39.17.70 z	Żebbuġ ippreparat jew ippriservat (minbarra platti tal-ħaxix ippreparati u żebbuġ imnixxef, iffriżat jew ippriservat permezz tal-ħall jew l-aċtu aċetiku)	kg	S	
10.39.17.80 z	Qamħ ħelu ppreparat jew ippriservat (minbarra platti tal-ħaxix ippreparati u qamħ ħelu mnixxef, iffriżat jew ippriservat permezz tal-ħall jew l-aċtu aċetiku)	kg	S	
10.39.17.90 z	Ħxejjex oħra u taħlitiet ta' ħxejjex, m.k.b.(minbarra platti tal-ħaxix ippreparati u ħaxix iffriżat u taħlit ta' ħaxix)	kg	S	
CPA: 10.39.18	*Ħaxix (minbarra l-patata), frott, lewż u partijiet oħra li jittieklu tal-pjanti, ippreparati jew ippriservati fil-ħall jew fl-aċtu aċetiku*			
10.39.18.00	Ħaxix (minbarra l-patata), frott, lewż u partijiet oħra li jittieklu tal-pjanti, ippreparati jew ippriservati permezz tal-ħall jew l-aċtu aċetiku	kg	S	
CPA: 10.39.21	*Frott u lewż, nejjin jew imsajrin, iffriżati*			
10.39.21.00	Frott u ġewż friżat, kemm jekk mhux imsajra u kemm jekk imsajra bil-fwar jew bit-togħlija fl-ilma	kg	S	

PRODCOM	Deskrizzjoni	Unità fiżika	P	Referenza għan-Noti
CPA: 10.39.22	*Ġammijiet, jelis tal-frott u purejiet u pejsts tal-frott jew il-lewż*			
10.39.22.30	Ġammijiet ta' frott taċ-ċitru, marmellati, jellies, purees jew pastes, li huma preparazzjonijiet imsajra (minbarra preparazzjonijiet omoġenizzati)	kg	S	
10.39.22.90	Ġammijiet, marmellati, jellies tal-frott, purees u pastes tal-frott jew tal-ġewż, li huma preparazzjonijiet imsajra (minbarra dawk ta' frott taċ-ċitru, preparazzjonijiet omoġenizzati)	kg	S	
CPA: 10.39.23	*Lewż, karawett, mixwijin, imme lħin jew ippreparati b'xi mod ieħor*			
10.39.23.30	Karawett ippreparat jew ippreżervat (inkluż butir tal-karawett; minbarra dak ippreparat jew ippreżervat bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, friżat, purees u pastes)	kg	S	
10.39.23.90	Ġewż ippreparat jew ippreżervat (minbarra karawett); u żrieragħ u taħlitiet oħra (minbarra bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, friżat, purees u pastes, ippreżervat biz-zokkor)	kg	S	
CPA: 10.39.24	*Frott u lewż, ippriservati b'mod proviżorju, mhux għall-konsum immedjat*			
10.39.24.10	Qxur ta' frott taċ-ċitru jew bettieħ, frisk, friżat, imqadded jew provviżjorjament preżervat fis-salmura, f'ilma bil-kubrit jew f'taħlitiet oħra ta' preservazzjoni	kg	S	
10.39.24.30	Frott u lewż ieħor ippriservat temporanjament permezz ta' gass tad-diossidu tal-kubrit, fis-salmura, ilma tal-kubrit jew soluzzjonijiet preżervattivi oħrajn, imma mhux tajbin għall-konsum immedjat	kg	S	
CPA: 10.39.25	*Karawett u ġewż, bla qoxra*			
10.39.25.00 *	Karawett u ġewż, bla qoxra u żrieragħ tal-ġirasol, imqaxxra	kg	S	
CPA: 10.39.29	*frott u ġewż ieħor ippreparat, imnixxef jew ippriservat*			
10.39.29.10	Għeneb imqadded	kg	S	
10.39.29.20	Frott imnixxef (minbarra tamal, ananas, avokados, gwavi, mangu, mangosteens, frott taċ-ċitru u għeneb); taħlitiet ta' ġewż u/jew frott niexef	kg	S	
10.39.29.50	Frott, ippreparat jew ippreżervat, m.k.b. (minbarra Müsli)	kg	S	
CPA: 10.39.30	*Materjal mill-ħaxix u skart tal-ħaxix, fdalijiet tal-ħaxix u prodotti sekondarji*			
10.39.30.00	Prodotti sekondarji tal-ħaxix u ħaxix għar-rimi għall-konsum mill-annimali, m.k.b.	kg	S	
CPA: 10.39.91	*Servizzi ta' tisjir u preparazzjoni oħrajn għall-priservazzjoni tal-frott u l-ħaxix*			
10.39.91.00	Tisjir u servizzi ta' preparazzjoni oħra (konċentrazzjoni, eċċ.) għall-preservazzjoni ta' frott u ħaxix		I	
NACE: 10.41	**Manifattura ta' żjut u xaħmijiet**			
CPA: 10.41.11	*Stearina tax-xaħam, żejt tax-xaħam, oleostearina, oleo-oil u żejt tax-xaħam tad-dam, mhux emulsifikati jew imħalltin jew ippreparati b'xi mod ieħor*			
10.41.11.00	Stearina tal-ardu, żejt tal-ardu, stearina taż-żejt, olea oil u żejt tax-xaħam ta' dam (minbarra dak emulsifikat, imħallat jew ippreparat b'xi mod ieħor)	kg	S	

PRODCOM	Deskrizzjoni	Unità fiżika	P	Referenza għan-Noti
CPA: 10.41.12	*Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut u mammiferi marini*			
10.41.12.00	Xaħmijiet, żjut u partijiet minnhom, ta' ħut jew mammiferi tal-baħar (minbarra dawk li jkunu modifikat b'mod kimiku)	kg	S	
CPA: 10.41.19	*Xaħmijiet u żjut oħra mill-annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinati jew le, iżda mhux kimikament modifikati*			
10.41.19.00	Xaħam u żjut oħrajn ta' annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinati jew le, (minbarra dawk modifikati kimikament)	kg	S	
CPA: 10.41.21	*Żejt tal-karawett, mhux irfinut*			
10.41.21.10	Żejt mhux maħdum mill-karawett u partijiet minnu (minbarra dak modifikat b'mod kimiku)	kg	S	
CPA: 10.41.22	*Żejt taż-żebbuġa, mhux irfinut*			
10.41.22.10	Żejt verġni miż-żebbuġ u partijiet minnu (minbarra dak modifikat b'mod kimiku)	kg	S	
10.41.22.20	Żjut u l-frazzjonijiet tagħhom miksuba biss miż-żebbuġ, mhux irfinuti (inklużi dawk imħallta ma' żejt taż-żebbuġa verġni, irfinuti) (minbarra żejt taż-żebbuġa verġni u żjut modifikati kimikament)	kg	S	
CPA: 10.41.23	*Żejt taż-żerriegħa tal-ġirasol, mhux irfinut*			
10.41.23.00	Żejt mhux maħdum miż-żerriegħa tal-ġirasol u żejt mix-xewk ta' Kristu, u partijiet minnhom (minbarra dak modifikat b'mod kimiku)	kg	S	
CPA: 10.41.24	*Żejt tal-lift, kolza u mustarda, mhux irfinut*			
10.41.24.10	Żejt mhux maħdum mil-lift, mill-kolza u mill-mustarda u partijiet minnhom (minbarra dak modifikat b'mod kimiku)	kg	S	
CPA: 10.41.25	*Żejt tal-palma, mhux irfinut*			
10.41.25.10	Żejt mhux maħdum mill-palm u partijiet minnu (minbarra dak modifikat b'mod kimiku)	kg	S	
CPA: 10.41.29	*Żjut veġetali oħrajn, mhux irfinuti*			
10.41.29.10	Żjut veġetali oħrajn, mhux irfinuti (minbarra żjut modifikati kimikament)	kg	S	
CPA: 10.41.30	*Ħjut tal-qoton li jibqgħu maż-żerriegħa wara t-tfesdiq (cotton linters)*			
10.41.30.00	Ħjut tal-qoton li jibqgħu maż-żerriegħa wara t-tfesdiq (cotton linters)	kg	S	
CPA: 10.41.41	*Għaġna taż-żrieraġ taż-żejt u fdalijiet solidi oħrajn, mix-xaħmijiet jew iż-żjut tal-ħaxix*			
10.41.41.30	Il-fdal taż-żrieraġ wara li jkun ngħasar iż-żejt minnhom u fdalijiet oħra solidi li jifdal wara li jikun esratt iż-żejt mill-fażola tat-tip sojja	kg	S	
10.41.41.50	Il-fdal taż-żrieraġ wara li jkun ngħasar iż-żejt minnhom u fdalijiet oħra solidi li jifdal wara li jikun esratt iż-żejt u x-xażam miż-żrieraġ tal-ġirasol	kg	S	
10.41.41.70	Il-fdal taż-żrieraġ wara li jkun ngħasar iż-żejt minnhom u fdalijiet oħra solidi li jifdal wara li jikun esratt iż-żejt u x-xaħam miż-żrieraġ tal-lift u tal-kolza	kg	S	
10.41.41.90	Il-fdal taż-żrieraġ wara li jkun ngħasar iż-żejt minnhom u fdalijiet oħra solidi li jifdal wara li jkunu estratti x-xaħmijiet u ż-żjut mill-ħaxix (inkluż miż-żrieraġ tal-qoton, miż-żrieraġ tal-kittien, mill-ġewż tal-Indi, mill-kopra, mill-ġewż jew il-lewż tal-palm; minbarra fażola tas-sojja u żrieraġ tal-ġirasol, tal-lift jew tal-kolza)	kg	S	
CPA: 10.41.42	*Dqiq u dqiq miħun oħxon taż-żerriegħa taż-żejt jew frott li jipproduċu ż-żejt, minbarra dawk tal-mustarda*			
10.41.42.00	Dqiq u dqiq miħun oħxon ta' żrieraġ li minnhom jingħasar iż-żejt jew frott li jipproduċi ż-żejt (minbarra l-mustarda)	kg	S	
CPA: 10.41.51	*Żejt tas-soja u l-frazzjonijiet tiegħu, irfinut iżda mhux modifikat kimikament*			
10.41.51.00	Żejt raffinat mill-fażola tat-tip sojja u partijiet minnu (minbarra dak modifikat b'mod kimiku)	kg	S	

PRODCOM	Deskrizzjoni	Unità fiżika	P	Referenza għan-Noti
CPA: 10.41.52	*Żejt tal-karawett u l-frazzjonijiet tiegħu, irfinut iżda mhux modifikat kimikament*			
10.41.52.00	Żejt raffinat mill-karawett u partijiet minnu (minbarra dak modifikat b'mod kimiku)	kg	S	
CPA: 10.41.53	*Żejt taż-żebbuġa u l-frazzjonijiet tiegħu, irfinut iżda mhux modifikat kimikament*			
10.41.53.10	Żejt raffinat miż-żebbuġa u partijiet minnu (minbarra dak modifikat b'mod kimiku)	kg	S	
10.41.53.30	Żjut u l-frazzjonijiet tagħhom miksuba biss miż-żebbuġ (inklużi dawk imħallta ma' żejt taż-żebbuġa verġni, irfinuti) (minbarra żejt taż-żebbuġa verġni u żjut modifikati kimikament)	kg	S	
CPA: 10.41.54	*Żejt tal-ġirasol u l-frazzjonijiet tiegħu, irfinut iżda mhux modifikat kimikament*			
10.41.54.00	Żejt raffinat miż-żerriegħa tal-ġirasol u żejt mix-xewk ta' Kristu, u partijiet minnhom (minbarra dak modifikat b'mod kimiku)	kg	S	
CPA: 10.41.55	*Żejt taż-żerriegħa tal-qoton u l-frazzjonijiet tiegħu, irfinut iżda mhux modifikat kimikament*			
10.41.55.00	Żejt raffinat miksub miż-żerriegħa tal-qoton u partijiet minnu (minbarra dak modifikat b'mod kimiku)	kg	S	
CPA: 10.41.56	*Żjut taż-żerriegħa tal-lift, tal-kolza u tal-mustarda u l-frazzjonijiet tagħhom, irfinuti iżda mhux modifikati kimikament*			
10.41.56.00	Żejt raffinat mil-lift, mill-kolza u mill-mustarda u partijiet minnhom (minbarra dak modifikat b'mod kimiku)	kg	S	
CPA: 10.41.57	*Żejt tal-palma u l-frazzjonijiet tiegħu, irfinut iżda mhux modifikat kimikament*			
10.41.57.00	Żejt tal-palm raffinat u partijiet minnu (minbarra dak modifikat b'mod kimiku)	kg	S	
CPA: 10.41.58	*Żejt tal-ġewż tal-indi u l-frazzjonijiet tiegħu, irfinut iżda mhux modifikat kimikament*			
10.41.58.00	Żejt raffinat mill-ġewża tal-Indi (kopra) u partijiet minnu (minbarra dak modifikat b'mod kimiku)	kg	S	
CPA: 10.41.59	*Żjut oħrajn u l-frazzjonijiet tagħhom, irfinuti iżda mhux modifikati kimikament; xaħmijiet tal-ħaxix fissi u żjut veġetali oħrajn (minbarra ż-żejt tal-qamħirrun) u l-frazzjonijiet tagħhom m.k.b. irfinuti iżda mhux modifikati kimikament*			
10.41.59.00	Żjut oħrajn u l-frazzjonijiet tagħhom, irfinuti iżda mhux modifikati kimikament; xaħmijiet tal-ħaxix fissi u żjut veġetali oħrajn (minbarra ż-żejt tal-qamħirrun) u l-frazzjonijiet tagħhom m.k.b. irfinuti iżda mhux modifikati kimikament	kg	S	
CPA: 10.41.60	*Xaħmijiet u żjut, tal-annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, idroġenati u esterified iżda mhux ippreparati aktar minn hekk*			
10.41.60.30	Xaħmijiet u żjut mill-annimali u partijiet minnhom, idroġenizzati, interesterifikati, ri-esterifikati jew elajdinizzati parzjalment jew totalment, iżda mhux preparati aktar (inkluż dawk raffinati)	kg	S	
10.41.60.50	Xaħmijiet u żjut mill-ħaxix u partijiet minnhom, idroġenizzati, interesterifikati, ri-esterifikati jew elajdinizzati parzjalment jew totalment, iżda mhux preparati aktar (inkluż dawk raffinati)	kg	S	
CPA: 10.41.71	*Xamgħat tal-ħaxix (barra mit-triglycerides)*			
10.41.71.00	Xama' mill-ħaxix (inkluż dik raffinata) (minbarra triglycerides)	kg	S	
CPA: 10.41.72	*Degras; fdalijiet li jirriżultaw mit-trattament ta' sustanzi xaħmija jew xamgħat mill-annimali jew mill-ħaxix*			
10.41.72.00	Degras; fdal li jibqa' mit-trattament ta' sustanzi xaħmin jew xemgħat ta' annimali jew veġetali	kg	S	

PRODCOM	Deskrizzjoni	Unità fiżika	P	Referenza għan-Noti
NACE: 10.42	**Manifattura ta' marġerina u xaħmijiet simili li jittieklu**			
CPA: 10.42.10	*Marġerina u xaħmijiet li jittieklu simili*			
10.42.10.30	Marġerina u pejsts b'livell ta' xaħam imnaqqas jew f'livell baxx ta' xaħam (minbarra marġerina likwida)	kg	S	
10.42.10.50	Preparazzjonijiet oħra li jittieklu magħmula minn xaħmijiet u żjut, inkluż marġerina likwida	kg	S	
NACE: 10.51	**Operazzjoni ta' mħaleb u manifattura ta' ġobon**			
CPA: 10.51.11	*Ħalib likwidu pproċessat*			
10.51.11.33	Ħalib u krema, b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' ≤ 1 %, mhux konċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu, f'pakki diretti ta' kontenut nett ta' ≤ 2 l	kg	S	
10.51.11.37	Ħalib u krema, b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' ≤ 1 %, mhux konċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu f'pakki diretti ta' kontenut nett > 2 l	kg	S	
10.51.11.42	Ħalib u krema, b'kontenut ta' xaħam, bil-piż ta' > 1 % iżda ≤ 6 %, mhux konċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu, f'pakki diretti ta' kontenut nett ≤ 2 l	kg	S	
10.51.11.48	Ħalib u krema, b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' > 1 % iżda ≤ 6 %, mhux konċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu, f'pakki diretti ta' kontenut nett > 2 l	kg	S	
CPA: 10.51.12	*Ħalib u krema b'> minn 6 % ta' xaħam, mhux ikkonċentrati jew biz-zokkor miżjud*			
10.51.12.10	Ħalib u krema, b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' > 6 % iżda ≤ 21 %, mhux konċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu, f'pakki diretti ta' kontenut nett ≤ 2 l	kg	S	
10.51.12.20	Ħalib u krema, b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' > 6 % iżda ≤ 21 %, mhux konċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu, f'pakki diretti ta' kontenut nett > 2 l	kg	S	
10.51.12.30	Ħalib u krema, b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' > 21 %, mhux konċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu, f'pakki diretti ta' ≤ 2 l	kg	S	
10.51.12.40	Ħalib u krema, b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' > 21 %, mhux konċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu, f'pakki diretti ta' > 2 l	kg	S	
CPA: 10.51.21	*Ħalib xkumat u trab tal-krema*			
10.51.21.30	Trab ta' ħalib xkumat (ħalib u krema f'forom solidi, b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' ≤ 1,5 %), f'pakki diretti ta' ≤ 2,5 kg	kg	S	
10.51.21.60	Trab ta' ħalib xkumat (ħalib u krema f'forom solidi, b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' ≤ 1,5 %), f'pakki diretti ta' > 2,5 kg	kg	S	
CPA: 10.51.22	*Ħalib sħiħ u trab tal-krema*			
10.51.22.30	Trab ta' ħalib sħiħ jew trab ta' krema sħiħa (ħalib u krema f'forom solidi, b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' > 1,5 %), f'pakki diretti ta' ≤ 2,5 kg	kg	S	
10.51.22.60	Trab ta' ħalib sħiħ jew trab ta' krema sħiħa (ħalib u krema f'forom solidi, b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' > 1,5 %), f'pakki diretti ta' > 2,5 kg	kg	S	

PRODCOM	Deskrizzjoni	Unità fiżika	P	Referenza għan-Noti
CPA: 10.51.30	*Butir u pejsts magħmula mill-ħalib*			
10.51.30.30	Butir b'kontenut ta' xaħam, skont il-piż, ta' ≤ 85 %	kg	S	
10.51.30.50	Butir li għandu kontenut ta' grass ta' piż > 85 % u xaħmijiet oħra u żjut li jiġu mill-ħalib (mhux inklużi spreads li jiġu mill-ħalib li għandhom kontenut ta' grass tal-piż < 80 %)	kg	S	
10.51.30.70	Spreads li jiġu mill-ħalib li għandhom kontenut tal-grass tal-piż < 80 %	kg	S	
CPA: 10.51.40	*Ġobon u baqta*			
10.51.40.30	Ġobon mhux misjur jew ppriservat (ġobon frisk) (inkluż ġobon moxx u xorrox)	kg	S	
10.51.40.50	Ġobon maħkuk, ġobon tat-trab, ġobon blu u ġobon ieħor li ma huwiex ipproċessat (mhux inklużi ġobon frisk, ġobon moxx u xorrox)	kg	S	
10.51.40.70	Ġobon ipproċessat (mhux inkluż dak maħkuk jew tat-trab)	kg	S	
CPA: 10.51.51	*Ħalib u krema, kkonċentrati jew biz-zokkor miżjud jew b'sustanzi ta' ħlewwa oħrajn, li mhux fi stat solidu*			
10.51.51.04	Ħalib magħqud jew evaporat, mhux ħelu	kg	S	
10.51.51.08	Ħalib magħqud jew evaporat, ħelu	kg	S	
CPA: 10.51.52	*Jogurt u ħalib jew krema oħrajn iffermentati jew aċidifikati*			
10.51.52.41	Ħalib imbaqqat, krema, jogurt u prodotti ffermentati oħra	kg	S	
10.51.52.45	Jogurt likwidu jew ħalib aċidifikat tat-togħma (baqta; krema; jogurt u prodotti oħra ffermentati bit-togħma jew li fihom frott; ġewż jew kawkaw miżjud)	kg	S	
10.51.52.63	Trab tax-xorrox tal-ħalib	kg	S	
10.51.52.65	Xorrox tal-ħalib	kg	S	
CPA: 10.51.53	*Kaseina*			
10.51.53.00	Kaseina u kaseinati	kg	S	
CPA: 10.51.54	*Lattożju u xropp tal-lattożju*			
10.51.54.00	Lattosju u ġulepp tal-lattosju (inkluż lattosju kimikament pur)	kg	S	
CPA: 10.51.55	*Xorrox*			
10.51.55.30	Xorrox u xorrox mibdul tat-trab, mrammel jew f'forom oħra solidi, kemm jekk konċentrat kif ukoll jekk iħaddan sustanza li tagħmlu iżjed ħelu	kg	S	
10.51.55.60	Xorrox u xorrox modifikat f'forma likwida jew pejst; kemm jekk konċentrati kif ukoll jekk fihom sustanzi ta' taħlil	kg	S	
CPA: 10.51.56	*Prodotti tal-ħalib m.k.b.*			
10.51.56.00	Prodotti li jikkonsistu fl-elementi komponenti tal-ħalib naturali, m.k.b.	kg	S	
NACE: 10.52	**Manifattura ta' ġelat**			
CPA: 10.52.10	*Ġelat u silġ ieħor li jittiekel*			
10.52.10.00	Ġelat u affarijiet oħra tas-silġ li jistgħu jittieklu (inkluż sherbet, lollipops) (esklużi miksers u sustanzi bażiċi li jintużaw fil-ġelat)	l	S	
NACE: 10.61	**Manifattura ta' prodotti tal-imtieħen tal-qmuħ**			
CPA: 10.61.11	*Ross imfesdaq*			
10.61.11.00	Ross bla ħliefa (ismar)	kg	S	

PRODCOM	Deskrizzjoni	Unità fiżika	P	Referenza għan-Noti
CPA: 10.61.12	*Ross, miħun parzjalment jew kompletament jew imfarrak*			
10.61.12.30	Ross (bleached) nofsu miħun jew miħun kollu, kemm jekk illustrat jew igglejżjat, kemm jekk le	kg	S	
10.61.12.50	Ross imfarrak	kg	S	
CPA: 10.61.21	*Dqiq tal-qamħ jew meslin*			
10.61.21.00	Dqiq magħmul mill-qamħ jew tal-meslin	kg	S	
CPA: 10.61.22	*Dqiq ieħor taċ-ċereali*			
10.61.22.00	Dqiq taċ-ċereali (esklużi dawk tal-qamħ jew meslin)	kg	S	
CPA: 10.61.23	*Dqiq u dqiq miħun oħxon tal-ħxejjex*			
10.61.23.00	Dqiq jew dqiq miħun oħxon ta' piżelli niexfa, fażola, għads, sagu, manjoka, ararott, lamtu magħmul mill-orkidji, patata ta' Ġerusalemm, patata ħelwa jew xniexel/tuberi simili; dqiq, dqiq miħun oħxon, trab ta' frott jew ġewż li jista' jittiekel	kg	S	
CPA: 10.61.24	*Taħlitiet għall-preparazzjoni tal-prodotti tal-furnar*			
10.61.24.00	Miksers u għaġina li tintuża fil-preparament tal-ħobż, kejkijiet, ikel magħmul mill-għaġina, ħobż iqarmeċ, gallettini, waffles, wejfers, qriemeċ, ħobż mixwi u prodotti mixwija oħra, u prodotti oħra tal-furnara	kg	S	
CPA: 10.61.31	*Xgħir u barli miħun oħxon u dqiq oħxon tal-qamħ*			
10.61.31.33	Xgħir u barli miħun oħxon u qamħ miħun tal-Awstralja	kg	S	
10.61.31.35	Xgħir u barli miħun oħxon u qamħ komuni u qamħ bi sbul	kg	S	
CPA: 10.61.32	*Xgħir u barli miħun oħxon, dqiq oħxon u pellets m.k.b.*			
10.61.32.30	Xgħir u barli miħun oħxon u għasida tal-ħafur, qamħirrum, dqiq tal-oħxon, bârli u ċereali oħra (minbarra dqiq)	kg	S	
10.61.32.40	Gerbub tad-dqiq	kg	S	
10.61.32.50	Gerbub tal-għasida tal-ħafur, qamħirrum, dqiq tal-oħxon, bârli u ċereali oħra (minbarra dqiq)	kg	S	
CPA: 10.61.33	*Ċereali tal-kolazzjon u prodotti oħrajn taċ-ċereali*			
10.61.33.33	Frott taċ-ċereali rromblati, ttroffati, bil-qoxra, magħmul f'forma ta' qtar jew boċċi, f'qatgħat jew f'bċejjeċ ħoxnin	kg	S	
10.61.33.35	Żerriegħa taċ-ċereali, shiħa, rromblata, ttroffata jew miħuna (minbarra ross)	kg	S	
10.61.33.51	Preparazzjonijiet tat-tip muesli bbażati fuq troffi ta' ċereali mhux inkaljat	kg	S	
10.61.33.53	Ikel ieħor ippreparat li ġej minn nefħa jew xiwi taċ-ċereali	kg	S	
10.61.33.55	Ċereali f'forma ta' frotta tal-pjanti tal-ikel, msajrin minn qabel jew ppreparati lesti (mhux inkluż qamħirrum	kg	S	
CPA: 10.61.40	*Nuħħala, sharps u fdalijiet oħrajn mill-ipproċesar taċ-ċereali*			
10.61.40.10	Bran, qatgħat jew fdal li jibqa' wara li l-qamħirrum (korn) ikun għadda minn passatur jew ikun miħun	kg	S	
10.61.40.30	Bran, qatgħat jew fdal li jibqa' wara li r-ross ikun għadda minn passatur jew ikun miħun	kg	S	
10.61.40.50	Bran, qatgħat jew fdal li jibqa' wara li l-qamħ ikun għadda minn passatur jew ikun miħun	kg	S	

PRODCOM	Deskrizzjoni	Unità fiżika	P	Referenza għan-Noti
10.61.40.90	Bran, qatgħat jew fdal li jibqa' wara li ċ-ċereali ikunu għaddew minn passatur jew ikun miħun (mhux inkluż qamħirrum (korn), ross jew qamħ)	kg	S	
NACE: 10.62	**Manifattura ta' lamti u prodotti oħra tal-lamtu**			
CPA: 10.62.11	*Lamtu; inulina; glutina tal-qamħ; destrina u lamtu modifikat ieħor*			
10.62.11.11	Lamtu tal-qamħ	kg	S	
10.62.11.13	Lamtu tal-qamħirrun (qamħ)	kg	S	
10.62.11.15	Lamtu tal-patata	kg	S	
10.62.11.19	Lamtijiet (inklużi ross, dqiq tal-manjoka, ararut, palm tas-sagu) (eskluż qamħ, qamħirrum (korn) u patata)	kg	S	
10.62.11.30	Inulina	kg	S	
10.62.11.50	Glutina tal-qamħ (eskluża glutina tal-qamħ li tkun ippreparata għall-użu bħala kolla jew għall-kisi u gglejżjar għall-industrija tat-tessuti)	kg	S	
10.62.11.70	Dextrin u lamtijiet modifikati (inkluż ester u dak eteru, lamtu solubbli, lamtu preġelatinizzat/minfuħ, lamtu dialdehyde, lamtu trattat bil-formaldehyde/epichlorohydrin)	kg	S	
CPA: 10.62.12	*Tapjoka u sostituti magħmula mill-lamtu f'forma ta' laqx, frak u simili*			
10.62.12.00	Tapjoka u sostituti tagħha magħmula mill-lamtu, f'forma ta' troffi, frott taċ-ċereali, ta' qtar jew boċċi, f'siftings jew forom simili oħra	kg	S	
CPA: 10.62.13	*Glukows u xropp tal-glukows; fructose u xropp tal-fructose; zokkor invert; zokkor u xroppijiet taz-zokkor m.k.b.*			
10.62.13.10	Glukows u ġulepp tal-glukows (eskluż dawk li huma bl-ingredjenti artifiċjali jew għandhom miżjud il-kulur)	kg	S	
10.62.13.20	Fruktows kimikalment pur f'forma solida; fructose u ġulepp tal-fructose, li fl-istat niexef fih > 50 % ta' fructose; isoglucose, eskluż dak li fih togħmiet jew sustanzi kuluranti miżjuda	kg	S	
